MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2010

Appell Civili Numru. 3/2010

**Joseph Gauci**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta' Frar, 2010 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**L-Arbitru,
>
> Ra l-appell.
>
> Ra r-risposta tad-Direttur li giet notifikata lill-appellant flimkien ma' avviz illi jekk fi zmien tletin jum ma jiddikjarax li ma jaqbilx ma' dak sottomess mid-Direttur, jitqies li jaqbel mal-kontenut tar-risposta.

> Peress illi t-terminu imsemmi ta' tletin jum skada minghajr ma l-appellant wiegeb, huwa ghalhekk qed jigi meqjus li jaqbel mal-kontenut tar-risposta tad-Direttur.
>
> Peress li d-decizjoni appellata ttiehdet fit-termini ta' l-Att dwar is-Sigurta' Socjali, l-Arbitru jichad dan l-appell."

Ir-rikorrenti Joseph Gauci appella minn din is-sentenza bl-aggravju ewlieni illi, kuntrarjament ghal dak asserit mill-Arbitru, huwa wiegeb ghad-decizjoni tad-Direttur fit-terminu statutorju utli stabbilit mil-ligi;

L-antecedenti li wasslu ghad-decizjoni ta' l-Arbitru skond kif jemergu mill-atti tal-kawza huma dawn:-

1. Fit-13 ta' Mejju, 2009 d-Direttur kiteb lill-appellanti biex jgharrfu illi l-applikazzjoni tieghu ghall-beneficcju ghall-"korriment tax-xoghol" giet mistharrga u gie deciz li ma huwiex intitolat ghalih "ghaliex il-kondizzjoni medika tieghek kienet diga` tezisti meta sehh il-korriment fuq ix-xoghol";

2. L-applikant Gauci appella minn din id-decizjoni fit-18 ta' Mejju, 2009 bis-sottomissjoni illi l-konsegwenza medika tieghu kienet relatata mal-fatt illi hu kellu jerfa' boroz tqal u b'rizultat ta' dan beda jara zliega u kollox imcajpar. Ma' dan l-appell, l-applikant esebixxa certifikat mediku wkoll datat 18 ta' Mejju 2009 li jispjega l-aggravament tal-qaghda medika tieghu;

3. Fit-twegiba tieghu ghal dan l-appell introdotta fil-21 ta' Awissu, 2009 d-Direttur wiegeb illi t-talba ta' l-appellanti ma kienetx tissodisfa l-Artikolu 28 ta' l-Att dwar is-Sigurta` Socjali li jitratta proprju dwar il-beneficcju ghall-korriment;

Bla ebda ezitazzjoni ta’ xejn l-aggravju sottomess hu wiehed fondat. L-appellanti intavola l-gravam tieghu fit-terminu stipulat mil-ligi biex jirravviza punt ta’ importanza partikolari in meritu ghad-decizjoni tad-Direttur li biha cahadlu l-beneficcju ghall-korriment;

L-Arbitru kienet tenut toqghod fit-termini ta’ din il-vertenza li kellha quddiemha u mhux tiddeciedi fuq haga li lanqas id-Direttur innifsu ma qanqal. Dan qed jigi rilevat in kwantu hu ferm evidenti mid-decizjoni appellata illi l-Arbitru la ddeciediet il-punt sollevat bl-aggravju quddiemha mill-appellanti u wisq anqas issoffermat fuq ir-retta interpretazzjoni ta’ l-Artikolu 28 ghal fattispeci u li permezz tieghu d-Direttur appellat iddifenda ruhu. Invece l-Arbitru iddecediet punt ghal kollox estraneju ghal dawk il-punti ta’ naha u ta’ ohra fil-kontestazzjoni. Il-Qorti tinnota b’sodisfazzjon illi anke l-istess Direttur appellat jikkondividi dan l-istess hsieb, kif hekk dejjem ghandha tesigi l-lealta` fi kwestjonijiet konsimili.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi akkolt u s-sentenza arbitrali tat-22 ta’ Frar, 2010 qed tigi dikjarata nullu u bla effett fil-ligi in kwantu tesorbita kompletament mit-termini ta’ l-appell ta’ l-appellant u tat-twegiba ghalih mid-Direttur appellat. L-atti qeghdin jigu rimandati lura lill-Arbitru biex din tikkunsidra u tiddeciedi l-mertu fit-termini precizi sottoposti lilha. Fic-cirkostanzi l-ispejjez ta’ dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------